# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021**

**Numru 13**

**Rikors Numru 410/21 TA**

**Paul Kevin Borg (KI 0240867M), u**
**Audrey Borg (KI 0120369M)**

**vs**

**Alessandro sive Alex Mercieca (KI 85363M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul Kevin Borg u Audrey Borg tad-29 ta' April 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> "Illi r-rikorrenti kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Matthew Agius datat tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A') li permezz tiegħu il-konvenut ikkostitwixxa ruħu vera, ċert u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000).
>
> Illi r-rikorrenti nonostante kollox kemm-il darba ikkomunikaw mal-konvenut u dan primarjament sabiex jipprovaw jiġbru dak dovut lilhom, iżda mhux talli l-konvenut ma onorax dak illi kien oriġinarjament pattwit, imma r-rikorrenti spiċċaw ikunu preżentati u rinfaċċati b`ħafna skużi u wegħdiet fierħa.

Illi peress li l-konvenut naqas milli jottempora ruħu ma l-iskeda tal-ħlas ta` l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, għal hekk ir-rikorrenti kellhom jintavolaw din l-azzjoni sabiex jitħallsu s-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000) oltre l-imgħaxijiet legali skond l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu surreferit.

Illi għalhekk ir-rikorrenti għandhom id-dritt illi jesiġu illi jitħallsu s-somma ta` sebgħin elf ewro (€70,000) apparti l-imgħaxijiet relativi.

Illi huwa ċar, u bla ebda ombra ta' dubju, mid-diċitura ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppublikat in atti tan-Nutar Matthew Agius datat tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), illi l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti, liema dejn huwa wieħed ċert likwidu u dovut.

Illi fl-opinjoni umli tar-rikorrenti l-konvenut Alessandro sive Alex Mercieca m'għandiex eċċezzjonijiet x`jagħti w għalhekk il-kawża tista` tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Jgħid għalhekk l-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex: **[1]** taqta` u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u cioe bid-dispensa tas-smiegħ; **[2]** tiddikjara l-konvenut bħala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000) jew somma oħra verjuri li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti; **[3]** tiddikjara u tordna l-konvenut jħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat li dawk il-proċeduri saru bil-mezz tal-proċedura speċjali sommarja abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat skont il-liġi iżda baqa' ma dehrx quddiem din il-Qorti;

Rat id-dokumenti u atti kollha tal-kawża;

Semgħet lill-attriċi Audrey Borg tikkonferma l-ammont li qed jintalab fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2021;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti kkonstatat li din hija kawża bil-proċedura speċjali sommarja ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li l-formalitajiet kollha ta' din il-proċeduri ġew osservati. Di piu` l-konvenut mitlub biex jidher quddiem din il-Qorti baqa' ma dehrx minkejja li kien notifikat regolarment skont il-liġi.

Jirriżulta wkoll li l-ammont li qed ikun mitlub huwa wkoll dovut skont il-liġi u li sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza ma tħallas xejn mill-imsemmi ammont.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba;

**Tilqa**' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-atturi fis-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000);

**Tilqa’** t-tielet talba u tordna lill-konvenut iħallas lis-somma fuq imsemmija bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**